# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 T' APRIL 2002**

**Avviz Nru 683/00DM**

**Spiridione sive Spiro u martu Maria Dolores Mifsud**

**Vs**

**Francis Mifsud**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal- konvenut sabiex jirrimedja x-xogholijiet hziena maghmulin minnhu fis-saqaf tal-perspex li sar fil-bitha tad-dar tal-atturi "Fiongord", Qrejten Street, Pieta liema xoghlijiet ma sarux skond kif titlob is-sengha u l-arti u mhumiex tal-kwalita pattwita u fin-nuqqas il-konvenut, prevja d-debita likwidazzjoni, jigi kkundannat ihallas lill-atturi d-danni sofferti, inkluz id-danni biex jigi rimedjat u rimpjazzat ix-xoghol hazin li sar mill-konvenut u dana taht kull

provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Ghal kull buon fini jigi dikjarat illi d-danni sofferti ma jeccedux is-somma ta' Lm1000 (elf lira Maltin).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Novembru 1999 kontra il- konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma derx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti ezaminat ukoll ir-relazzjoni tal-perit Joe Sultana mqabbad ex parte mill-atturi issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant;

Il-Qorti qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex fiz-zmien xahar mil-llum huwa jirrimedja ghax-xogholijiet hziena maghmulin minnhu fis-saqaf tal-perspex indikat fl-avviz liema xogholijiet ta' rimedjar ghandhom jsiru taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Arkitet Ingineer Civili Joseph Mizzi li qieghed jigi prezenzjalment nominat ghal dan il-fini u fin-nuqqas illi l-konvenut jesegwixxi dawn ix-xogholijiet fiz-zmien preskritt tikkundannah sabiex jhallas lill-atturi ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha taghhom u

in linea tad-danni likwidati s-somma ta' Lm690(sitt mija u disghin lira Maltin).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 39